MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tat-23 ta' Frar, 2007

Numru 481/2006

**Il-Pulizija**
**(Sp. Stephen J. Gatt)**

**v**

**Louis Farrugia ta’ 53 sena iben Joseph u Rina Darani, imwieled Pieta’ fil-14/11/1952 u joqghod Huddersfield, Triq Kananea, Attard detentur tal-karta tal-identita’ 870552 (M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza kontra l-hawn fuq imsemmi Loius Farrugia li gie akkuzat talli fil-perjodu bejn 17/07/2001 u snin qabel din id-data gewwa l-Pieta’ ukoll wara nzul ix-xemx, b’diversi azzjonijiet maghmulin anki fi zminijiet differenti li

jkunu jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, b'mezzi qarrieqa li bihom setgha kellu l-uzu jew il-konsum illegittimu tal-kurrent elettriku jew li bihom setgha waqqaf jew biddel il-kejl jew markar tal-meter, tal-kwantita' mehuda jew ikkunsmata jew ikkommetta serq ta' kurrent elettriku fl-ammont ta' Lm 1281.49,5 minn gewwa l-fond Dolphin Forge Factory, Ix-Xatt tal-Pieta', Pieta' bhala d-direttur jew detentur, jew il-persuna li f'ismu ghandu dan il-fond jew il-persuna li assuma responsabilita', fejn instabu dawk il-ksur jew mezzi qarrieqa ghad-dannu tal-Korporazzjoni Enemalta, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, hin, valur u lok.

U aktar talli fl-istess zmien jum, lok u cirkostanzi, ghamel hsara fil-makkinarju jew gumni u fili tal-elettriku, kkaguna t-telf ta' kurrent elettriku u ghamel hsara jew kisser parti ta' xi meter tal-elettriku jew sigilli ta' xi meter tal-elettriku jew xi parti minn xi apparat jew gumni jew fili, uzati fil-provista tal-elettriku jew sigilli taghhom.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali ghal proceduri sommarji.

Rat li l-akkuzat ma kellu ebda oggezzjoni ghall-istess kif ukoll li hu kien wiegeb li ma kienx hati ghall-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Ikkonsidrat

Illi mill-atti ta' Inkjesta jirrizulta ben car it-tbaghbis li sar fuq il-meter in kwistjoni, dan huwa evidenti mill-konkluzjonijiet li wasal ghailhom l-espert tekniku Hugh Camilleri (vide pagni 26 – 28 ta' l-atti ta' l-inkjesta).

Illi skond kalkulazzjonijiet tal-Korporazzjoni meta saret komparazzjoni mal-konsum tal-11 ta' Ottubru, 1996 u qabel u dak tal-perjodu Ottubru, 1998 – Lulju 2000 jidher li l-istess konsum naqas b'ammont ta' erbghin unit kuljum,

cioe ta’ 14%. Dan huwa l-ammont illi l-Enemalta qed tippretendi li ghandha tigi rimbursata minhabba l-allegat telf.

Issa huwa pacifiku illi l-artikolu 264 (2) tal-Kapitlu 9 jaghmel shift fl-onu tal-provi sal-grad tal-probabbli fuq id-Difiza. Ghalhekk mistoqsi l-ufficjal tal-Korporazzjoni jekk hadux in konsiderazzjoni xi differenza fil-hinijiet ta’ l-uzu ta’ l-apparat, jew aktar kienx zdied l-apparat bil-konsegwenza ta’ zieda fil-konsum, wiegeb li kien jispetta (dan rifless fl-antik 264 appena msemmi) li l-konsumatur li javza b’tali qbil biex l-Enemalta tiehdu in konsiderazzjoni.

Fil-fatt l-Ufficjal tal-Korporazzjoni fuq mistoqsijiet specifici tad-Difiza dwar caqliq fil-makkinarju, xehed li ebda dokumentazzjoni ma waslet ghand Enemalta prova ta’ dan.

Li rrizulta zgur illi darba mibdul il-meter, Enemalta hadmet bench mark ta’konsum ta’ 287 units kuljum u b’hekk waslet ghal konsum allegatament misruq kif premess.

L-akkuzat min-naha tieghu spjega illi minhabba problemi li kien jiskontra minhabba l-load, il-meter fid-Dolphin Forge kien ta’ spiss jinhareg u ghalhekk fin-nuqqas ta’ l-impjegati ta’ l-Enemalta li jaccedi fl-istess fond biex jibdlu l-fuse, kien fil-fatt jibdel l-istess hu – ghalhekk inqatghu is-sigilli.

Innega li hu qatt baghbas fil-konsum tad-dawl. Anzi tista’ tghid li nnega tali fatt b’mod kategoriku u spjega li l-konsum kien anke jiddependi mill-ammont ta’ xoghol kummissjonat. Punt fil-fehma tal-Qorti tant logiku!!!

Illi huwa vera li jispetta lill-konsumatur jipprova l-kuntrarju ta’dak allegat kontra tieghu. Illi daqstant huwa veru illi mir-readings u stimi ta’ l-istess Enemalta jirrizulta dak premess mill-akkuzat, u cioe li l-konsum ivarja b’mod konsiderevoli minn perjodu ghal iehor. Ghalhekk dak vantat minn Farrugia bhala Difiza huwa ferm probabbli (artikolu 244(2) Kap 9) mentri t-tezi tal-Prosekuzzjoni kif jinhadmu l-istimi thalli aktar minn dubju ragonevoli.

Ghaldaqstant in vista ta' dak li kkonkluda l-istess espert Camilleri dwar it-tbaghbis fil-fuses u dak li ammetta l-istess akkuzat issib lil Louis Farrugia hati tal-hsara li saret fil-makkinarju jew gumni u fili ta' l-elettriku u dan wara li rat l-artikolu 264 tal-Kapitlu 9.

Rat il-fedina penali tieghu li hija ghal kollox netta, rat l-artikolu 22 tal-Kapitlu 446 u tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena u nofs mil-llum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------